228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 85**

**Il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2019**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Sandro Gatt – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**85.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**85.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt.

**84.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 83 tal-15 t' April 2019:</u>***

**85.2.1** ***<u>Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri tkellem fuq paragrafu 84.9.1 paġna 4 fejn għandu jinbidel u jsir kif ġej:</u>***

*"Wara li nhar il-Ħadd li għadda kellu laqgħa mal-plejers u diriġenti tal-kumitat ta' Marsaskala Football Club, irriżulta li dan il-klabb għandu iżjed minn €12,000 f' kowċing lin-nursery fis-sena. Għaldaqstant is-Sindku qed jipproponi biex il-Kunsill jerfa parti minn din l-ispiża u tingħata s-somma ta' €4000 kull sena lill klabb biex b'hekk nkomplu nedukaw iż-żgħażagħ tagħna fil-logħba tal-futboll."*

Rigward din il-mozzjoni kien hemm diskussjoni sabiex it-talba issir min-naħa tal-nursery tal-Klabb. Peress li l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri l-amministratur tan-nursery inkarigawh sabiex jikteb riskjesta formali f'isem il-klabb u ġiet ippreżentata waqt l-istess seduta.''

**85.2.2** ***<u>Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 6 paragrafu 84.9.1 l-aħħar sentenza tinqara kif ġej:</u>***

*"* Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tibgħata is-somma ta' €4000 fis-sena lin-nursery tal-klabb fuq il-kriterju li dawn se jmorru għat-talim u allura in regola ma artiklu 33 tal-liġi. ''

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 3 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**85.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera bil-Petty cash għax-xahar ta' Mejju 2019.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**85.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-6:30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 20 ta' Ġunju 2019 fis-6:45pm.

Ikkonfermat illum 20 ta' Ġunju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |